**Qorti tal-Appell Kriminali**
Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 3/2018

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Alexander Caruana**

Illum, 4 ta Settembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alexander Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 196359M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fis-7 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tal-3:45 p.m. u zminijiet qabel waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali mod li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li m'hix ufficjal tal-habs, jew persuna ohra mpjegat fil-habs, minghajr l-Awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Dicembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt ewro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi

konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Iddikjarat t-tielet imputazzjoni bhala preskritta u ghaldaqstant illiberat lill-imputat minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut. Il-Qorti ma kkundannatx lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra ta' PS 465 Daniel Abela stante illi ghalkemm huwa gie mahtur, fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, sabiex jiehu r-ritratti necessarji, fl-atti odjerni giet esebita biss vera kopja tar-relazzjoni tieghu minghajr ritratti.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Alexander Caruana minnu pprezentat fis-27 ta' Dicembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** is-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermha f'dik il-parti taghha fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni;
2. Thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

3. U in subordine, fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena u tinfliggi minflok piena aktar miti u idoneja, u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel imputazzjoni ddur mal-element wiehed partikolari kkontemplat mill-Ligi, jigifieri illi jrid jigi ppruvat li d-"*droga kienet fil-pussess tieghu f'tali mod li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu*". Dan huwa l-punt tat-tluq sabiex jigi ddeterminat jekk l-appellanti jistax jinstab hati ta' din l-ewwel imputazzjoni.

Illi f'dan l-istadju jehtieg illi ssir referenza ghall-fatti tal-kaz, li digà brevenent gew deskritti. Fil-kaz in ezami, din l-Onorabbli Qorti ghandha quddiemha xenarju partikolari hafna, fejn iben li fiz-zmien tal-fatti in kwistjoni kien ghaddej minn zmien assai turbolenti, ikkomunika ma' missieru — li kien ben konxju ta' din it-turbolenza — u, li fi kliem l-istess iben "bdejt nheddu li jekk ma jgiblix [id-droga] naghmel kummiedji ... kont inkun sick hux, bdejt nghidlu li ha nitghallaq". Dan ikkonfermah ukoll l-appellant stess li qal li Janis heddu li "jekk mhux ggibieli, nitghallaq". Jigi ccarat mill-ewwel illi din mhix xi verzjoni mahsuba mill-appellant sabiex jevita l-konsegwenzi, izda verzjoni li nghatat a tempo vergine fejn gie nnotat anke mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant kien qal lil PS 1495 "... beda jghidli li ser' jaghmel suwicidju jekk ma ngiblux id-droga ...". Minn dan jidher car kemm hi veritiera l-verzjoni tal-appellant. Inoltre, dan huwa anke sostnut u kkorroborat mid-dettaiji tal-fatti, kif ser jintqal izjed 'l isfel.

Illi a skans ta' ripetizzjoni inutli, mhux ser issir riferenza ghall-espisodji numeruzi li fihom, minhabba d-diffikultajiet li kellu, Janis Caruana pprova jwegga' lilu nnifsu u sahansitra jnehhi hajtu b'idejh, madanakollu, mill-atti processwali, jirrizulta ben ippruvat illi huwa kien sahansitra ddahhal l-Isptar Monte Karmeli "for his own safety" li jirrizulta

ukoll ben ippruvat illi huwa anke ttenta jibla' xfafar waqt li kien gewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin stess. M'hemmx dubju ghalhekk, li l-biza' tal-appellant li ibnu jwegga' lilu nnifsu kienet ragjonevoli u ben fondata.

Illi l-appellant kien jafu sew lil ibnu, jaf il-passat tieghu u jaf ghal xiex jasal. Dan, ghalhekk, jirrendi t-theddida maghmula minn Janis Caruana wahda reali, effikaci u ghalhekk bil-kwalitajiet li trid il-Ligi sabiex titqies bhala wahda li tinterferixxi mal-libertà ta' persuna li tifforma l-element formali necessarju ghat-twettiq ta' reat.

Illi ta' min jinnota li l-Ewwel Onorabbli Qorti fehmet ix-xenarju delikat u partikolari ta' dan il-kaz, tant illi qalet "il-Qorti temmen illi l-mottiv li wassal lill-imputat odjern sabiex imur bid-droga eroina l-habs fil-jum in kwistjoni kien propju ghaliex beza' illi ibnu tassew jaghmel dak illi qallu li kien ser jaghmel ossia illi jitghallaq"

Illi sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, l-appellant dejjem sahaq — kif, wara kollox, sostnut mill-fatti li rrizultaw — illi huwa qatt ma kellu intenzjoni illi jghaddi d-droga lil ibnu — fil-fatt jirrizulta mill-provi in atti illi ta' sikwit kien ikollu xi jghid ma' ibnu dwar abbuz minn sustanzi illeciti — U ried biss li filwaqt li jaghti x'jifhem lil ibnu li kien se jipprova jghinu billi taparsi jghaddilu d-droga, huwa ghamel mezz li jinqabad biex b'hekk ikollu skuza ghalfejn dan ma setax jghamlu. B'hekk f'ghajnejn l-appellant, huwa kien qed jolqot zewg ghasafar b'gebla wahda.

Illi madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti, m'emmnitx din il-verzjoni u qalet illi '*l-imputat ma dahalx il-habs jew ghal din it-tfittxija bid-droga 'idjeh"*. Huwa ovvju li dan ma setax isir, l-ewwel nett ghal ragunijiet prattici, u t-tieni nett, sabiex dan il-pjan tal-appellant jinghata bixra ta' verita. Ghalfejn kellu jinghata bixra ta' verita wiehed forsi jistaqsi? Ovvjament sabiex ikun jista' jilhaq l-iskop li 'jqarraq' b'ibnu u jilludih illi minkejja li pprova jaghmel minn kollox sabiex jaqtaghlu xewqtu, forzi esterni zammewh milli jwettaq dak minnu

mitlub, B'hekk biss seta' l-appellant, filwaqt li jserrah mohhu li ibnu ma jaghmilx hsara lilu nnifsu, jassigura ukoll illi droga ma jiehux u l-istess ibnu ikun konvint li missieru pprova 'jghinu'. Dan l-ghan ma kienx jilhqu li kieku dahal il-habs bid-droga f'idejh! Taht il-pressjoni li kien fiha, fil-fatt, l-appellant ra' kif ghamel biex bl-izjed mod konvenjenti jghin lil ibnu minghajr ma attwalment iwassallu id-droga.

Illi fattur iehor importanti u li juri ghalfejn il-verzjoni tal-appellant ghandha tassew tigi emmnuta tohrog mill-fatt illi l-appellant ma jistax jinghad li ghamel xi tentattiv sabiex ma jinqabadx. Il-Qrati taghna jiltaqghu ma' diversi kazijiet fejn ikun sar tentattiv sabiex sustanzi jew oggetti illeciti jigu mdahhla minn taht fil-habs, u minn dawn il-kazijiet jirrizulta li l-kreattività ta' min hekk ikun irid jghaddi dawn l-oggeti jew sustanzi projbiti tassew ma taf l-ebda limiti jew konfini. Biex wiehed isemmi biss ftit ezempji, fil-kaz Il-Pulizija vs Helen Bugeja', id-droga inhbiet f'karkur, f' Il-Pulizija vs Jason Zammit naraw il-kaz kiassiku fejn id-droga inhbiet fil-warrani ta' persuna, kaz klassiku iehor f' Il-Pulizija vs Elaine Rapinett fejn instabet id-droga f'ikel imdahhal rninn barra l-habs u f' Il-Pulizija vs Marouska Azzopardi instabet id-droga fil-parti privata tal-persuna.

Illi b'differenza assoluta minn dawn il-kazijiet, l-appellant, li jaf ben tajjeb li ser jigi assoggettat ghal tfittxija fuq il-persuna tieghu stante illi gieli zar lill-istess ibnu gewwa l-habs, m'ghamel xejn minn dan, izda baqa' diehel ghat-tfittxija minghajr ma b'xi mod ipprova jahbi d-droga. Fic-cirkostanzi, minghajr ebda tentattiv serju li d-droga tinheba', kien ovvju illi kien ser jibqabad. Ghalfejn, allura, ma ppruvax jahbiha ahjar id-droga? Ir-risposta tigi wahedha: ghax ried li jinqabad. B'hekk jidher li ghamel l-almu tieghu biex jaqdi lill-ibnu u fl-istess hin ma jwassallux id-droga kif xtaq ibnu. Lil ibnu hekk biss seta' jghidlu 'ippruvajt imma qabduni'.

Illi minn dan jidher car ghall-ahhar illi mhux minnu illi l-appellant ried iwassal id-droga lil ibnu u ghalhekk, l-element formali tar-reat huwa ghal kollox mankanti u kwindi l-appellant ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Illi t-tieni aggravju ukoll jolqot l-element formali tar-reat u n-nuqqas tieghu u jitratta l-volontà tal-appellant fil-mument li fih sehhew il-fatti in kwistjoni.

Illi punt kardinali ghall-finijiet ta' dan l-aggravju johrog mill-fatt illi kif jirrizulta mis-sentenza appellata "il-Qorti temmen illi l-mottiv li wassal lill-imputat odjern sabiex imur bid-droga eroina l-habs fil-jum in kwistjoni kien proprju ghaliex beza' illi ibnu tassew jaghmel dak li qallu li kien ser jaghmel ossia illi jitghallaq". Kif intqal izjed 'il fuq, mhux ser jigi ripetut ghalfejn, fl-opinjoni tal-appellant, huwa kien gustifikat jibza' li ibnu jaghmel hsara lilu nnifsu jew jipprova jnehhi hajtu b'idejh, ghax dan gie stabbilit mill-provi u carament anke a sodisfazzjon tal-Ewwel Qorti.

Illi ghalhekk wiehed irid jistaqsi, allura, x'effett kellha din il-biza' u pressjoni kollha fuq il-volontà tal-appellant, li gie mhedded minn ibnu stess illi jekk ma jaghmilx dak li talbu, kien ser jikkommetti suwicidju? Fl-umli opinjoni tal-appellant, anke in vista tal-passat turbulenti ta' ibnu — li fil-fatt kompla anke wara l-fatti in ezami fil-kaz odjern kif jirrizulta mill-atti processwali — it-theddida maghrnula minn Janis Caruana lil missieru fis-sens illi jekk jonqos milli jaderixxi mat-talba tieghu, huwa kien ser jikkommetti suwicidju kienet bizzejjed sabiex tikkwalifika bhala forza barranija li ma setghax jirrezisti ghaliha, ai termini tal-Art 33(b) tal-Kap. 9.

Il-fatt illi t-theddida kienet wahda effettiva u reali johrog anke mill-fatt illi l-Ewwel Qorti stess ikkonfermat illi emmnet li l-mottiv kien "proprju ghaliex beza' illi ibnu tassew jaghmel dak li qallu li kien ser jaghmel". Dan juri illi din kellha piz kbir hafna fuq l-appellant. Hawn irridu nzommu f'mohhna li qed nitkellmu dwar iben li carrat sidru, li

pprova jaqta' l-polz, li ddahhal fl-Isptar Monte Karmeli "for his own safety" u li sussegwenternent, wara dawn il-fatti, anke pprova jibla' xi xfafar. Theddida minn iben lil missieru li ser inehhi hajtu b'idejh kontra dan ix-xenarju, m'ghandhiex allura titqies illi taffetwa l-psike ta' dak li jkun tant li tirrendih inkapaci kif trid il-Ligi? Dan insibuh fil-fatt illi "hu hass li jekk ibnu verament jaghmel dak li kien qallu, ma jkunx jista' jghix b 'dak ir-rimors".

Illi ghalhekk l-appellant huwa tal-umli opinjoni illi ma kellux jinstab hati stante li fic-cirkostanzi ma setax jifforma l-volontà necessarja biex ikun hemm l-element tal-mens rea fil-kaz odjern.

Illi t-tielet aggavju huwa dwar il-fatt illi ma giex ippruvat illi d-droga nstabet f'cirkostanzi li juri li "ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu".

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti tghid "mill-mument li l-imputat ha fil-pussess tieghu din id-droga, kif kien qallu biex jghamel ibnu, ikkonfigura r-reat tal-pussess aggravate" u tghid ukoll "La darba l-imputat ma kienx ser juzaha hu, huwa rrilevanti x'kien bi hsibu jaghmel biha wara u cieo' jekk kienx bi hsiebu jghaddiha lil ibnu jew kienx bi hsiebu jidhol biha l-habs biex jinqabad". Inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkwotat diversi sentenzi in sostenn ta' dan.

Illi madanakollu, umilment l-appellant jissottometti li ma jaqbilx ma din l-interpretazzjoni. Il-Ligi taghna hija cara u tghid ghall-finijiet ta' dan l-aggravju jehtieg jirrizulta li "il-pusses ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Mela dan ifisser li huwa necessarju li l-pusses kien ser iwassal ghall-uzu tad-droga, anke jekk mhux mill-perusna misjuba hatja tal-istess pussess. L-'uzu' huwa krucjali. Li kieku l-ligi riedet illi, kif qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, ikun irrilevanti x'ser jghamel biha, kienet tuza kliem iehor. Li kieku l-ligi minflok kienet tghid il-pussess ma kienx esklussivament ghall-uzu tal-hati, l-akkuza kienet tkun ferm izjed wiesa' u f'dak il-kaz kienet imbghad tista' tigi interpretata kif giet interpretata fil-kaz in ezami. Li kieku d-dicitura tal-ligi kienet din tal-ahhar, l-

enfasi ma' baqax fuq l-uzu tad-droga nnifisha minn xi had – f'dan il-kaz, l-importanti huwa illi d-droga ma kinitx intisza esklussivament biex tintuza mill-hati, irrispettivament jekk kinitx intiza biex tigi uzata minn haddiehor.

Illi in vista ta' dan, ma jistax jinghad bid-dovut rispett, illi x'kien ser jghamel biha kien irrelevanti, ghax f'dak il-kaz, allura, min isib pakkett droga mal-art u jigbru bl-unika intenzjoni li jghaddih b'mod immedjat lil pulizija ghall-investigazzjoni taghha, ikun, skont l-Ewwel Qorti, hati ta' pussess aggravat!

Illi gialadarba qeghdin fil-kamp penali, l-interpretazzjoni trid tkun wahda ristretta, altrimenti il-process ma jibqax wiehed prevedibbli u kwindi ma jkunx safe and satisfactory kif mehtieg. Huwa necessarju li jkun car x' jikkostitwixxi reat, altrimenti dak li jkun ma jkunx f'qaghda li jikkontrolla l-azzjonijiet tieghu in ottempranent mad-dettami tal-ligi.

Illi ghalhekk, l-appellant huwa tal-umli opinjoni illi dan l-aggravju ma jissussistix u m'ghandux jinstab hati tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell tal-appellant hu limitat biss dwar l-ewwel akkuza dwar pusess ta' droga eroina li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu kif misjub hati mill-ewwel Qorti.

Illi l-ewwel tlett aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[1]"; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi"[2]** ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[3]**" ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[4]**" u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper[5]**" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

---

1 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.

2 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989

3 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991.

4 Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991

5 [1969] 1 QB 276

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*[6]

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta'

---

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994.

xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti, huwa assodat is-segwenti:-

Illi nhar it-13 ta Novembru 2012 giet esebita kopja tal-process verbal rigwardanti x-xhieda guramentata tal-imputat li giet mmarkata bhala dok JM1 u process verbal dwar sejba ta' drogi fuq visitatur (l-imputat qua appellant) gewwa l-Facilitá Korrettiva ta' Kordin fis-7 ta' Ottubru 2010 li giet markata bhala dok JM2.

Ili l-Ispettur Spiridione Zammit ipprezenta l-isqarrija tal-appellant li giet immarkata bhala dok SZ1. L-imputat inghata s-solita' twissija li ma kienx obbligat jirrispondi pero' dak li kien ser jghid seta jingieb bhala prova. Inghata ukoll id-dritt li jikkonsulta ma avukat pero' huwa ma xtaqx jipprevalixi ruhu minn tali dritt.

Fl-istqarrija tieghu jghid il dakinhar tas-7 ta Ottubru 2010 mar il habs izur lil ibnu Janis l-jinsab resident fid-divizjoni nru. 2. Kellu jkollu l-vizita tieghu mieghu ghall-habta tat-3.00p.m. Jghid li l-pulizija qabduh b'pakkett b'xi trab kannella li kellha tkun id-droga eroina mgharufa bhala 'smack' ghall-ibnu. Qal li ibnu kien ilu jghidlu f'dawn l-ahhar tlett viziti sbiex igiblu d-droga eroina ghaliex fin-nuqqas kien ser jitghallaq u huwa emmnu. Qal li ma riedx ikellem lil xi nies, pero' ibnu qallu li kellu droga id-dar fil-hwejjeg u meta

mar ifittex sab dan l-istess pakkett li gab mieghu. Huwa kien qed igib lil ibnu quddiem ghajnejh jitghallaq u ghalhekk iddecieda li dahhallu id-droga. Qal li ibnu fi tlett viziti precedenti kien jghidlu biex igiblu d-droga u kien jghidlu li ma kellux chance jghamel hekk, izda fl-ahhar waqa` ghax-xewqa ta' ibnu. Qal li omm Yanis u l-gharusa tieghu Charmaine ma kienux jafu li kellu d-droga fuqu waqt il-vista. Spjega li hbieha wara l-bokkla tac-cinturin. Mistoqsi kemm kien fiha piz id-droga jghid li kellha zewg grammi. L-imputat illum appellant halef din l-istqarrija quddiem l-Magistrat ta l-Ghassa nhar is-7 ta Ottubru, 2010.

Illi din is-sustanza li nstabet fuq il-persuna ta' Alexander Caruana giet ezaminata mill-espert nominat mill-Qorti l-Ispizjar Godwin Sammuit u kkonferma li s-sustanza kienet droga eroina u kellha piz ta 2.70g b'puritá ta' cirka 15%.

**Co 133 Raymond Theuma** xehed nhar it-13 ta' Novembru, 2012 (a fol. 61) u kkonferma li nhar is-7 ta' Ottubru, 2012 ghall-habta ta' 3.10 p.m. nizel fil-Debitors area biex jghamel search. Huwa fil-fatt ghamel search flimkien mal-Maggur Daivd Scerri fuq il-pesuna ta' Alexander Caruana. Din kienet kwistjoni ta' rutina, dahhluh f'kamra u ghamlulu strip search. Dan beda jinza l-hwejjeg u hekk kif wasal fil qalziet tal-jeans ta' fuq, l-assistent Maggur innota li kellu xi haga u Caruana kien pront u ghaddijielu. Din kienet bocca ta' xi pulzier tond, plastic bajda kontenenti trab ta' kulur kannella. Huwa informa lil pulizija li kompliet bl-istharrig taghha.

**L-Assistent Maggur David Scerri** xehed fit-13 ta' Novembru 2012 jghid li kien qed jghamel search fejn jghamlu l-visiti d-debituri u kienu qed jghamlu s-search ta' Alexander Caruana u sabu pakkett zghir bi trab kannella go jdejh u dan tahulhom mill-ewwel. Qal li fil-fatt Caruana lanqas tkellem, qabad u fetah idejh ghaliex meta kienu qed jghamlulu is-search qabad u tahielhom bla ma rrezista.

**PS 1495 Joseph Muscat** xehed u stqarr li fis 7 ta ottubru 2010 ghall-habta tat-3.15p.m. ircieva telefonata minn naha tad-Debituri fejn gie nfurmat li kienet instabet xi sustanza suspettuza ghand wiehed mill-visitaturi. Mar fuq il-post u tkellem ma CO 133 Theuma u mal-Maggur David u dawn qalulu li waqt li kienu qed jghamlu body search fuq Caruana, gie mitlub inehhi l-qalziet u f'idejh instabet borza zghira cara li fiha kien hemm xi trab kannella. Huwa tkellem ma Caruana li gharaf bhala l-imputat illum appellant fl-Awla u dan qallu s-segwenti "*jumejn ilu kelli visit mat-tifel u gennini beda' jghidli li ser jghamel suwicidju jekk ma ngiblux id-droga u dawn l-affarijiet*" u ghalhekk spicca biex ghamel dan il-pass.

**Janis Caruana** bin l-appellant xehed u kkonferma li kien qieghed il-habs jiskonta sentenza ta' hames snin prigunerija. Qal li fuq il-kaz in desamina kien wehel sittax il-xahar habs ohra u qal li dak iz-zmien kien ghaddej minn perjodu ikrah f'hajtu, jabbuza mid-droga u ma kienx joqghod minghajrha. Jghid li missieru ma jifhimx fuq dawn l-affarijiet u gieghel lil missieru biex igiblu d-droga u beda jheddu li jekk ma igiblux id-droga kien se jikkometti suwicidju. Insista li missieru ma hadlux d-droga minn jeddu izda ghax qallu li kien ser jitghallaq fin-nuqqas. Qallu li kellu d-droga fil-but tal-jeans. Jghid li ma qallux x'kienet izda li riedha. Jghid li kien dik id-darba biss li talbu lil missieru biex igiblu d-droga meta kien *sick* u cioe' dik id-darba li nqabad pero' kien talbu ghaliha qabel.

Spjega wkoll il dak iz-zmien kellu tifel ta' sitt snin u kien jghix ma ommu pero' l-genituri tieghu kienu imantnuh. Qal li ma kienitx l-ewwel darba li ghamel xi haga mhux normali. Darba minnhom waqt li kien goc-cella qabad xafra u qaccat sidru u dan ghamilha qabel dan il-kaz u ghamilha ghax ried jiehu d-droga ghaliex kien ikun mugugh u mdejjaq. Darba ohra kien qabad l-blade u beda jaqta l-vini ta' jdejh ukoll waqt li kien il-habs. Darba minnhom jaf ukoll li kien kisser il-windscreen tal-karozza ta' missieru. Ikkonferma li missieru qatt ma hajru jew inkoraggieh biex jiehu d-droga.

L-appellant **Alexander Caruana** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-28 ta' Ottubru, 2015 (a fol. 100) hu spjega ili huwa bhala xoghol ibiegh il-hobz bil-licenzja ta' hawker bieb il-Belt. Jghid li Janis Caruana huwa l-uniku wild tieghu. Jghid li kien jghid lill-ibnu biex ma jdahhlu f'xejn ghaliex hu ma kienx ta' dawk l-affarijiet. Dejjem xtaq li ibnu ikun clean. Jghid li ibnu qatt ma refa idejh fuqu ghalkemm daghha kemm il-darba u sahansitra kkonferma li darba minnhom kissirlu l-windscreen tal-karozza.

Spjega li huwa kien imur izur lil ibnu l-habs u jiehu lin-neputi li jigi iben Janis mieghu sabiex jara lil missieru. Darba minnhom qallu li ghandu bicca d-dar biex johodielu ghax fin-nuqqas kien ser jitghallaq. Jghid li dan it-tifel Aiden kien dejjem jistaqsi meta kien hiereg mill-habs missieru u kien jghidlu dalwaqt u haseb li jekk missieru Janis vera jitghallaq x'kien ser jghid lil ibnu u ma ridx ikun il-kagun ta dan il-mewt. Id-diskors biex igiblu id droga sar waqt vizita u huwa emmen lit-tifel li fin-nuqqas li jehodlu d-droga jikkometti suwicidju. Jghid li meta dahal il-habs bid-droga kien jaf li kienu ser jghamlu search izda ghalih fehem li qeda lil ibnu, minkejja li kien ser jinqabad. Ghalhekk jghid li kien hu li ta d-droga lil gwardjani.

**CO 154 Christopher Farrugia** xehed nhar it-28 ta Ottubru, 2015 in rappresentanza tad-Direttur tal-Habs u gie mitlub jixhed fuq l-imgieba ta' Janis Caruana kemm kien ilu l-habs. Qal li kien jghati kampjun tal-awrina tieghu u dawn kien jghatu rizultat posittiv ghal presenza tad-droga. Jaf li kellu raporti fuq uzu ta' mobile phones u xi rapporti ohra. Huwa prezenta r-raport li ghamel in konnessjoni mal-imgieba ta' Janis waqt li kien il-habs u dan gie mmarkat bhala dok CF.

**Dr Ravindra Omprakash Agarwal** xehed nhar is-6 ta Mejju, 2016 (a fol. 118) u stqarr li huw jahdem bhala tabib gewwa l-habs u wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali tieghu, kkonferma li Janis Caruana huwa mentalment instabbli. Ikkonferma li Janis

Caruana gie riferut l-isptar Monte Carmeli diversi drabi u gie invistat min Psikjatri f'diversi okkazjonijiet pero' ma jistax jghid kemm il-darba. Jikkonferma li dahal l-Isptar Mont Carmeli minhabba l-hsara li jghamel lilu innifsu. Qal li fil-5 ta Ottubru, 2012 ittenta jibla xi xfafar. Fit-22 ta' Frar 2016 kienu ittiehdulu xi x-rays tal-gisem pero' ma rawx li kien hemm xi foreign bodies. Fil-file tieghu jidher li kien hemm ukoll verbal tal-Qorti datat 5 ta' April 2010 fejn il-Qorti kienet ordnat lid-Direttur tal-Habs sabiex jiehu hsieb lil Janis u ghalhekk attiratlu l-attenzjoni li kellu bzon jiehu kura ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga gewwa l-Isptar Monte Carmeli. Jghid li kien jighata l-methadone waqt li kien l-Isptar. Fil-file hemm ukoll referenza ohra fejn jidher li Janis kien qed jabbuza mid-droga eroina waqt li kien il-habs.

Ikkundisdrat

Illi l-fatti tal-kaz ma jidrhux li huma kontestati u jistghu jigu ridotti fis-segwenti:

1. Illi l-appellant missier Janis Caruana kien imur jara lil ibnu l-habs waqt li kien qed jiskonta sentenza ta' prignuerija.
2. Illi waqt wahda minn dawn il-visiti l-appellant talab lil missieru l-appellant sabiex igiblu d-droga mid-dar ghaliex fin-nuqqas kien ser jikkometti suwicidju billi jitghallaq.
3. Illi fil-passat Janis Caruana kien ghamel tentattivi ta' suwicidju tant li qata' sidru bix-xfafar u anke l-vini ta' idjeh.
4. Illi ghalhekk l-appellant isokkomba ghal din il-pressjoni u nhar is-7 ta Ottubru, 2010, ittenta idahhal id-droga eroina l-habs billi jghaddiha lil ibnu.
5. L-appelant jghid li ghamel hekk ghax hass il-pressure ta' ibnu li jekk ma jaqdihx kien hemm il-possibilita' li jikkometti suwicidju u ma riedx ikun responsabbli ghall-dan l-agir u jkollu jghid lin-neputi li missieru miet ghaliex hu ma riedx jaqdih.

6. L-appellant jghid li kien jaf li kien ser jinqabad b'din id-droga tant li meta l-ufficcjali tal-habs talbuh jinza hu ghaddhielhom id-droga.

Id-difiza tghid li dan kollu sehh peress li l-appellant kien coerced li jghamel dak li ghamel peress li haseb li jekk jonqos li jipprovdi d-droga lil ibnu, dan kien ser jikkometti suwicidju u ghalhekk hass li kellu jaderixxi ruhu mat-talba ta' ibnu minkejja li kien jaf li tali gest kien kontra il-ligi.

**Ikkunsdirat ultejorment.**

Minn naha tad-difiza u bhala punt ta' ligi, gie sottomess li l-appellant agixxa fl-ewwel lok taht 'coersion' kif dispost fl-artikolu 33(b) u cioe' li
"*kull persuna tkun ezenti mir-responsabilita kriminali jekk filwaqt ta' l-att kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghax tirrezisti ghaliha.*"

Fil-fatt dan l-artikolu huwa bazat fuq l-**artikolu 49(3) tal-Codice Penale Taljan** tal-1889 fejn kien hemm imnizzel li:

"*no punishment shall be inflicted for any act committed by a person who was constrained thereto by the necessity of saving himself or others from a grevious or imminent personal danger to which the agent had not voluntarily given occasion and which could not otherwise be averted*".

Sabiex tissusisti din id-difiza irid jikkonkorri:

1. perikolu serju u mminenti;
2. diretta lejn il-persuna aggredita jew persuna ohra;
3. il-perikolu ma jridx ikun wiehed kagunat voluntarjament mid-difensur;

4. il-perikolu irid ikun inevitabbli, u cioe' li ma setghax jigi skartat b'mod iehor salv li jsir dak li sar;

5. u l-offiza giet kommessa bl-ghan li d-difensur jipprotegi l-persuna tieghu jew ta' haddiehor.

Fil-ligi Maltija, d-difensur irid ikun rinfaccjat b'forza esterna li ma setghax jiddesisti. Fil-fatt per ezempju, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Grazio Spiteri**[8], l-Prim' Imhallef Emeritus V. Degaetano ma laqghax d-difiza ta' 'coersion' - nuqqas ta' volunta f'dan il-kaz ghaliex hass li kwalsiasi impuls, qawwi kemm kien qawwi, dovut ghall-krizi ta' astinenza biex jiehu d-droga ma jikkwalifikax bhala forza barranija.

Kif qal l-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi fis-sentenza tieghu, **fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo Farrugia et**[9]**:**

"*l-artikolu 33 jittratta dwar forza barranija li l-agent ma setghax jirrezisti. Il-Qorti trid tkun konvinta li tali forza barranija kienet tali li xejjret l-volunta ta' rezistenza tal-agent. It-test huwa wiehed soggettiv imma jrid jirrizulta plawsibbli. Mhux ta' kemm wiehed jghid li beza. Irid jirrizulta almenu fuq l-bazi ta' probabbilita tenut kont tal-fatt li huwa element li trid tipprovah d-difiza li verament jezistu elementi li jistghu jinducu tali biza.*"

Il-linja difensjonali sollevata mid-difiza hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jigifieri, li wiehed ikun sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta` tieghu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jaghmel. Il-ligi taghna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjah din il-koerzjoni bhala "forza barranija", jigifieri trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Lulju,1997

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar d-29 ta' April, 1992

qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.

Fil-kaz in ezami m'hemm ebda kontestazzjoni li tassew l-appellant ikkommetta l-atti materjali ta' pusess ta droga eroina li ma kienx ghal uzu personali tieghu kif fil-fatt stqarret l-ewwel Qorti. Pero' l-appellant qed jikkontesta dak li ghamel, u fil-mument li ghamlu, kien nieqes fih l-element intenzjonali u allura ma setghax tinsab hatja. L-appellant qed jghid li ma kellux l-intenzjoni kriminuza ghaliex skond il-ligi, in bazi ta' l-**artikolu 33(b) tal-Kap. 9,** ic-cirkostanza msemmija tal-forza barranija telimina ghal kollox din l-intenzjoni. U b'hekk ma kellu ebda responsabilita` kriminali.

Fis-sentenza citata mill-istess difiza fl-ismijiet **l-Pulizija v. … omissis …Ersilia sive Alison Gauci**[10] il-Qorti riteniet li:-

*"Issa, jekk bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita` li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwelnett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax."*

[10] Deciza mill Qori tal-Appelli Krimianl nhar is-6 ta' Lulju 2007.

Din il-kwistjoni ta' koerzjoni mela hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta' fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe` ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Raymond Flattley u Rose Flattley</u>**[11] fen inghad li:-

*"Hu appena necessarju jinghad li l-"forza barranija" imsemmija fl-Artikolu 33(b) trid tkun tali l-persuna suggetta ghal dik il-forza "ma setghatx tirrezisti ghaliha", jigifieri trid tkun forza irrezistibbli u mhux semplicement mhux rezistita. Is-semplici fatt li jkun hemm ordnijiet jew struzzjonijiet moghtija minn persuna lil persuna ohra, anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu nghataw b'insistenza jew determinazzjoni, ma jfissirx li l-persuna li tircevihom tista' tinvoka l-Artikolu 33(b) u tezimi ruhha mirresponsabbilta` penali. Addirittura anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu akkumpanjati b'theddid, ma jfissirx necessarjament li jkun hemm forza barranija irrezistibbli – kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz in-natura tat-theddid u l-persuna ta' l-agent attiv u ta' l-agent passiv".*

Il-**Blackston**e meta jaghrbel il-gurispreduzna Ingliza jishaq is-segwenti:

*"'Duress: In the case of duress, psychiatric evidence may be admissible to show that an accused was suffering from some mental illness, mental impairment or recognized psychiatric condition, if persons generally suffering from such a condition might be more susceptible to pressure and threats, and thus to assist the jury in deciding whether a reasonable person with such a condition might have been impelled to act as the accused had. Psychiatric evidence is not admissible simply*

---

[11] Deciza mill Qori tal-Appelli Krimianl nhar is-7 ta' Novembru 2002.

*to show that an accused not suffering from such a condition, was especially timid, suggestible or vulnerable to pressure and threats (Walker [2003] EWCA Crim 1837).*

*'Concerning the defence of duress by threats, expert evidence is admissible for the purposes of the subjective limb of the test provided that the mental condition or abnormality in question is outside the knowledge and experience of laymen, but inadmissible for the purposes of the objective limb (Hegarty, [l994lCrim LR 353;cf. Horne [19941 Crim LR 584 and Hurst [19951 1 Crim App R 82).8 'The Cogency of the Threat'*

*'There remains the difficult question of what characteristics other than age and sex can exceptionally be relevant. In Bowen Stuart-Smith LJ gave some examples in his second principle (at p.379) whereby:*

*'... the defendant may be in a serious because of the vulnerability of the child in the womb. Similarly, physical violence to a physically disabled person is more serious and likely to result in more serious harm if there is reduced ability to defend oneself or ward off blows. On this basis, the mention of 'recognised mental illness or psychiatric condition, such as post traumatic stress disorder', which seems to refer to conditions rendering sufferers 'more susceptible to pressure and threats' (see the fifth principle described in the judgment of Stuart-Smith LJ at p. 379) may be thought problematic since it conflicts with the basic premise of the objective test of a person of reasonable firmness. However, it is clear that the courts will accept post-traumatic stress disorder as a relevant characteristic (see Sewell [20041 EWCA Crim 2322) and in Antar (2004) The Times, 4 November 2004 the evidence of a psychologist as to the appellant's level of suggestibility should, in the Court of Appeal's view, have been put before the jury since it was not merely put 'on the basis of the appellant's very low IQ, but on the basis of the psychologist's opinion that he functioned cognitively at a significantly impaired level; that he had a moderate (now a mild) learning disability; and importantly, that he had a level of suggestibility' sufficiently higher than that of the general population'. The decision in Antar seems to be a generous application of the fifth principle in Bowen, which is as follows.*

*'Psychiatric evidence may be admissible to show that the accused is suffering from some mental illness, mental impairment or recognised psychiatric condition provided persons generally suffering from such condition may be more susceptible to pressure and threats and thus to assist the jury in deciding whether a reasonable person suffering from such a condition might have been impelled to act as the defendant did. It is not admissible simply to show that in the doctor's opinion an accused, who is not suffering from such illness or condition, is especially timid, suggestible or vulnerable to pressure and threats...*

*'Vulnerability to pressure and threats is not of itself relevant unless, it seems, the accused belongs to a particular category of persons recognised as so vulnerable and this inevitably puts pressure on the criteria for recognising such a category, whether they be medical or otherwise.*
*'The reference to a 'sober' person of reasonable firmness makes it plain that intoxication cannot be a relevant characteristic. Intoxication is of course normally self-induced (quare whether involuntary intoxication might be relevant) and in Flatt [1996) Crim LR 576 it was held that other self-induced conditions, such as being a drug addict, are excluded.*

*'The immediacy of the threat and the possibility of seeking official protection are matters which the Court of Appeal said, in Hurst [1995] 1 Cr App R 82, require more attention to be paid to them. These matters were considered in Hudson [19711 2 QB 202 and the court there declined to lay down any hard and fast rules other than to say that:*

*'It is essential to the defence of duress that the threat shall be effective at the moment when the crime is committed. The threat must be a 'present' threat in the sense that it is effective to neutralize the will of the accused at that time. '... the existence at that moment of threats sufficient to destroy his will ought to provide him with a defence even though the threatened injury may not follow instantly, but after an interval...*

*'In the present case [of perjury] the threats ... were likely to be no less compelling, because their execution could not be effected in the court room, if they could be carried out in the streets of Salford the same night. 'Whether the accused could be expected to take any opportunity of rendering the threat ineffective in the meantime by, for example, seeking police protection was a matter for the jury and: 'In deciding whether such an opportunity was reasonably open to the accused the jury should have regard to his age and circumstances, and to any risks to him which may be involved.*[12]*'*

Fis-sentenza li inghatat ricentament **fl-ismijiet l-Pulizija v. Jeffrey Savage**[13] kienet tqajmet din il-linja difensjonali ta' koerzjoni u din il-Qorti diversament preseduta sotniet is-segwenti:-

*"Il-linja difensjonali hawn sollevata mid-difiża hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jiġifieri, li wieħed ikun sforzat, jiġi mġiegħel, biex jagħmel xi ħaġa kontra l-volonta` tiegħu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jagħmel. Il-liġi tagħna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjaħ din il-koerzjoni bħala "forza barranija", jiġifieri trid tkun xi ħaġa, forza jew koerzjoni ġejja minn ħaddieħor kompletament indipendenti minn min jagħmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li ċertament u neċessarjament għandha tkun preżenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed tagħmel xi att materjali, xi delitt, u mhux ġejja minn xi żmien qabel biss"*

Illi ghalhekk fil-kawza taht il-lenti jidher li verament l-appellant kellu problemi dwar ibnu u cioe' li ibnu kien kellu divesi incidenti dwar is-sahha tieghu tant li spica l-isptar Monte Carmeli f'diversi okkazjonijiet u dan minhabba self-harm. Pero' l-Qorti tghid li l-appellant kellu triq ohra x'jaghzel minflok ma jiehu d-droga gewwa l-perimetri tal-habs

---

[12] Ibid. A3.23, p. 46-48

[13] Deciza ill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Ottubru 2017

biex jghaddiha lil ibnu. Setgha jirraporta l-kaz lid-Direttur tal-Habs sabiex ikun hemm aktar sorveljanza fuq ibnu u mhux jippartecipa b'mod xjenti li jikser il-ligi u jiehu d-droga lill-ibnu l -habs.

L-appellant ma gharafx jittratta ma din is-sitwazzjoni u ma riedx ma jikkuntentax lil ibnu bir-rizultat li ghazel li jikser dufrejgh mal-ligi.  Mhux bizzejjed li jghid li kien jaf li kien ser jinqabad kif fil-fatt gara.  L-appellant messu zamm sod u talab l-ghajnuna u mhux agixxa billi kkuntenta lill-ibnu u jiprovdi droga fil-habs.  Dan zgur mhux accettabli, molto piú meta tqis li bin l-appellant kien qieghed il-habs jiskonta sentenza ta' prigunerija u meta kien jaf li ibnu kellu problema kbira ta' dipendeza. Minflok ma ghenu jindirizza tali problema kien qed jipprovdilui d-droga biex izomu kuntent.  Il-Qorti fil-fatt ma tista' qatt taccetta li biex izomm il-kwiet u l-paci ma ibnu jikkuntentah billi jipprovdilu d-droga.  L-appellant wara dak kollu li ghadda minnu messu talab l-assistenza tad-dirigenti tal-habs sabiex izomm monitoragg fuqu u jekk hemm bzonn ipoggulu 24 hour watch l-Isptar. Ma jistax jinghad li f'dan il-kaz l-perikolu kien inevitabbli, u cioe' li ma setghax jigi skartat b'mod iehor salv b' dak li sar u ghalhekk tali difiza qed tigi michuda.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appella fl-intier taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur